**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 4 ta' Frar 2021**

Rikors Numru: 369/20 AL

A B C

vs

D E

(M.R. Numru 611/2015)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrent li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi l-partijiet żżewġu fl-20 ta' Ġunju 2015 fil-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu l-Imdina, liema żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, hekk skont iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dokument A;

2. Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet ma kellhom ebda tfal;

3. Illi sussegwentement, l-partijiet ilhom effetivament separati minn xulxin de facto mill-1 ta’ Settembru 2016;

4. Illi sussegwentement, l-partijiet sseparaw permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni fl-atti tan-Nutar Anthony Abela tat-8 ta’ Ġunju 2017 hekk skont il-kuntratt hawn anness u mmarkat Dokument B.

5. Illi fil-fehma tal-esponenti ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet. Għal kull buon fini qed jiġi anness affidavit maħluf mir-rikorrenti u mmarkat Dokument C.

6. Illi m’hemmx obbligu ta’ manteniment reċiproku kif jirriżulta mill-istess kuntratt;

7. Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal-ksib tad-divorzju, skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn l-esponenti u l-intimata D E.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimata a fol 17 tal-proċess fejn esponiet:

1. Illi l-intimata titlob is-soprasessjoni ta’ din l-Qorti f’ din il-kawża stante li kontestwalment ġie preżentat rikors ġuramentat b’talba għal dikjarazzjoni ta’ annullament taż-żwieġ bejn il-kontendenti.

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-intimata taqbel mal-ewwel, tieni, tielet u raba’ paragrafu tar-rikors promotorju.

3. Illi l-intimata taqbel mas-sitt u s-seba’ paragrafu.

4. Illi l-intimata tadixxi ruħha mat-talbiet rikorrenti, b'dan li m'għandhiex tbati l-ebda spejjeż.

5. Illi b'referenza għal ħames paragrafu rikorrenti, l-intimata qed tannetti l-affidavit tagħha (Dok A)

Bl-ispejjeż.

Salv kull risposta ulterjuri.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Ottubru, 2020;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti tiċħad it-talba tal-intimata għas-soprasessjoni stante illi dawn il-proċeduri bl-ebda mod m'għandhom x'jaqsmu mal-proċedura tal-annullament taż-żwieġ.

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-8 ta' Gunju, 2017 u *de facto* separati mill-1 ta' Settembru, 2016

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.